MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1103/2002/1

**Avviz Numru 1103/02AJD**
**Domestica Limited u b'digriwt tat-8 ta' Lulju 2002 giet ordnata korezzjoni fl-okkju fis-sens illi l-kelma 'Domestica' giet sostitwita mill-kliem 'Design & Build'**

**vs**

**Desmond Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm791.00) rappresentanti bilanc ta' somma akbar minn prezz ta' ghamara mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut, oltre l-interessi fuq l-istess ammont mill-1 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legal ital-20 ta' Frar 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Leo Vassallo Cesareo in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm791.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**